**A.L. 34 ta' l-1991**

## ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

### Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,000,000 6.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/97

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati — Kap. 161) il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm1,000,000 6.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/97 kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*stock*.

**1.** L-i*stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* jifthu t-Tnejn, 25 ta' Marzu, 1991 u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, 13 ta' April, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

**2.** Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm1,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

**3.** L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fl-13 ta' April u fit-13 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.25,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn l-14 ta' April, 1991 u t-13 ta' Ottubru, 1991, għandu jsir fit-13 ta' Ottubru, 1991.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

**4.** Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm10,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mill-14 ta' April, 1991.

Fidwa ta' *Stock*.

**5.** L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parita' f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1996 u l-31 ta' Diċembru, 1997 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.